MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 273/2014

**James Patrick Flannery kif lokalment rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu l-Avukat Dottor Antoine Cremona u Lexington Services Limited**

**vs**

**L-assenti socjeta Walters & Karrer Internacional SA (registrata Anguilla) u l-assenti socjetajiet WKI Trast SA, Anthology SA u Maro Services Limited registrati St. Kitts & Nevis rapprezentati minn Dottor Christian Ellul bhala mandatarju specjali taghhom u E&S Consultancy Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-atturi tal-14 ta' Novembru 2014 ghal bdil fir-rikors guramentat kif gej:

(i) fit-tielet linja tad-disa' paragrafu tal-istess, il-kliem u percentwali "fil-kwota ta' 80 fil-mija" jithassru u jigu sostitwiti bil-kelma "unikament" u

(ii) fis-sitt u fis-seba' linji tal-ewwel talba tal-istess rikors guramentat jithassru il-kliem u l-percentwali "fis-sehem ta' 80 fil-mija" u jigu sostitwiti bil-kelma "unikament";

Rat ir-risposta tal-konvenuti li opponew ghal tali bdil billi mhux permess taht l-atikolu 175 tal-Kap. 12 ghax tali bdil hu wiehed ta' sustanza li jbiddel anki n-natura tal-eccezzjonijiet li gia saru;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Jibda biex jinghad ili din il-kawza hi wahda ta' vindikazzjoni ta' beneficial interest fi drittijiet privattivi li l-origini taghha beda bi proceduri fil-High Court ta' Dublin l-Irlanda fejn il-proceduri ghadhom pendenti. Din il-kawza saret in segwitu ghal mandat ta' inibizzjoni milqugh minn din il-Qorti diversament preseduta bejn l-istess atturi izda konvenuti differenti ghalkemm konnessi fil-mertu mal-proceduri Irlandizi.

Il-Qorti tirraviza illi l-proceduri odjerni ghalkemm jistghu jitqiesu indipendenti minn dawk li qed isehhu fl-Irlanda pero bejniethom hemm konnessjoni ghax in-ness cioe l-'causa' tal-obbligazzjoni fil-proceduri kollha fl-Irlanda u Malta hu d-dritt patrimonjali fuq il-privattivi registrati fl-Irlanda u l-Istati Uniti u dik pendenti skond applikazzjoni li qed issir mal-European Patents Office.

Dak li jirrizulta prima facie hu illi l-atturi qed jivvantaw li skond diversi ftehim raggunti bejn il-partijiet mertu tal-proceduri fl-Irlanda l-atturi ghandhom ’beneficial interest’ ta’ tmenin fil-mija fil-privattivi in kwistjoni, u kien dan il-beneficial interest li l-atturi kienu qed jivvantaw quddiem il-Qorti Irlandiza. Meta infethu l-proceduri f’Malta, konnessi ma’ dawk Irlandizi ghax il-’causa’ tal-obbligazzjoni cioe l-iskop presegwit hu l-istess cioe l-beneficial interest tal-atturi fil-privattivi, it-talba saret fuq l-istess u ghall-istess ’beneficial interest’ fl-istess percentwali.

Fil-mori tal-proceduri fl-Irlanda, wara li nfethu l-proceduri Malta, l-atturi talbu u ottjenew tibdil fit-talba biex l-allegazzjoni taghhom tal-’beneficial interest’ fil-privattivi isir ta’ mija fil-mija fuq il-pretiza illi l-konvenuti f’dawk il-proceduri ma onorawx il-parti tal-ftehim li bih kienu intitolati ghal ghoxrin fil-mija ’beneficial interest’ fil-privattivi, fattur li gie a konjizzjoni taghhom mill-provi imressqa mill-konvenuti f’dik il-vertenza.

Ghalhekk fil-proceduri odjerni intalbet li issir l-istess korrezzjoni ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12. Din il-Qorti tqis illi l-artikolu 175 hu primarjament intiz biex jevita proliferazzjoni ta’ skritturi u azzjonijiet gudizzjarji zejda jekk <u>kull zball iehor</u> kif irid l-artikolu 175 jista’ jigi korrett minghajr ma jmiss is-sustanza tal-azzjoni jew id-difiza fil-mertu.

Hu minnu kif jissottomettu l-intimati illi dan mhux strettament korrezzjoni ta’ zball matematiku izda zieda kwantitattiva fl-oggett mitlub liema zieda hi bazata fuq gustifikazzjoni legali differenti mill-gustifikazzjoni ghall-kwantitativa originali fl-oggett mitlub.

Pero din il-Qorti tqis illi fl-ewwel lok din it-talba qed issir fil-bidu nett tal-proceduri meta l-partijiet lanqas ghadhom bdew itellghu provi fuq il-mertu tal-azzjoni.

Fit-tieni lok l-oggett tal-kawza hu wiehed cioe d-dritt ta' proprjeta jew 'beneficial interest' fuq il-privattivi u jekk l-atturi jallegaw li c-cirkostanzi kif irrizultaw mill-provi prodotti fil-Qorti Irlandiza inducewh jinsisti ghat-totalita ta' mija fil-mija 'beneficial interest' fil-privattivi, u mhux tmenin fil-mija kif originarjament mitlub, dan ghandu jigi rifless anki fl-azzjoni li qed issir f'Malta, altrimenti ma jkunx hemm l-istess komplimentarja fuq l-istess oggett mitlub.

Il-Qorti ma tqis li dan imur kontra l-ispirtu tal-artikolu 175 fejn zball li allegatament gew indotti fih l-atturi qabel kellhom konjizzjoni tal-fatti quddiem il-Qorti Irlandiza, qed jigi korrett biex jigi iccarat il-kwantita fl-oggett tal-kawza mitlub ghalkemm l-causa tal-obbligazzjoni per se baqa' l-istess. B'dan il-bdil it-talba attrici tibqa' l-istess cioe d-dikjarazzjoni tal-proprjeta fil-privattivi in kwistjoni ghalkemm bazata fuq binarju u kundizzjonijiet legali multipli.

Il-Qorti ma tqis anqas illi tali bdil ser ibiddel is-sustanza tal-azzjoni ghalkemm tifhem li b'din iz-zieda u b'raguni legali cara ghat-tibdil moghti fir-rikors ghat-tibdil jinnecessita illi l-konvenuti jirrevizjonaw il-linja difensjonali taghhom fuq dan it-tibdil. Billi sa issa ebda pregudizzju fl-azzjoni ma gie rekat, il-Qorti in vista ta' dan it-tibdil tqis illi l-konvenuti ghandhom ikollhom id-dritt li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri jew/u jressqu sottomissjonijiet ulterjuri ta' fatt u legali jekk jidhrilhom ai termini tal-istess artikolu 175 biex b'hekk zgur ebda parti ma tkun giet vantaggjata jew zvantaggjata a skapitu tal-parti l-ohra.

Tali soluzjoni tevita n-necessita ta' proceduri ohra fuq ir-rimanenti ghoxrin fil-mija li ma hu ser iwassal ghal xejn aktar minn dupplicita ta' proceduri, spejjez zejda u konnessjoni ta' kawzi li finalment jistghu jinstemghu bla xkiel f'din prezenti b'semplici korrezzjoni kif mitlub.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tilqa’ t-talba kif dedotta fir-rikors tal-atturi tal-14 ta’ Novembru 2014 b’dan illi mid-data ta’ dan id-digriet il-konvenuti ghandhom ghoxrin jum biex iressqu eccezzjonijiet ulterjuri u/jew sottomissjonijiet legali jew ta’ fatt b’nota separata. Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------